**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 6/2017/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Clint Dalton**

Illum l-ewwel (1) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Clint Dalton**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 416489(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fl-20 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar, minn ġewwa Triq in-Naħal, Mellieħa, ikkommetta serq ta' flus kontanti ġewwa 98A, Triq in-Naħal, Mellieħa għad-detriment ta' David Bonanno u/jew persuna/i oħra, bil-mezz u bil-lok skont Artikoli 263, 266(1) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-20 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta tas-13:20hrs, bil-ħsieb li jikkommetti serq minn ġewwa residenza fi Triq il-Miġba, Mellieħa għad-dannu ta' Nadia Caruana u/jew persuna/i oħra, aċċeda ġewwa l-istess fond minn ġewwa tieqa li tagħti għal ġo xaft, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien isir bil-mezz u bil-lok skont Artikoli 41(a), 263, 266(1) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fit-30 ta' Lulju 2014 għall-ħabta tas-19:15hrs fi Triq is Sajf, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq minn ġewwa vettura sitwata ġo garaxx fl-istess triq għad-detriment ta' Mario Salerno u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa bi ksur ta' Artikoli 267 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess ċirkostanzi għamel delitt waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D. nhar it-22 ta' Ottubru 2012), konfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Ottubru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra, mnaqqsa jew mibdula;

5. fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta u ċioè digriet ta' ħelsien mill-arrest mogħti nhar is-6 ta' Novembru 2013 mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. kif ukoll digriet ieħor ta' ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar il-11 ta' Settembru 2014.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u

tal-ħames (5) imputazzjoni u minnhom illiberatu, wara li rat Artikoli 17(h), 49, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' tnax (12)-il xahar priġunerija. Wara li rat Artikoli 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex iħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350) rappreżentanti l-valur tar-*res furtiva* a dannu ta' Mario Salerno. Il-Qorti kkundannat ukoll lill-imputat iħallas lir-Reġistratur l-ammont ta' mija u ħames Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€105.28) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi fir-relazzjoni preżentata minn PS 826 Matthew Parnis (*a fol.* 120).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata tal-4 ta' Jannar 2017 u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-esponent mhux ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, tvarjaha in kwantu sabitu ħati tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni, u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Jannar 2017.

Illi minħabba li r-Rikors tal-appell tal-appellant jorbot primarjament mat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront

tiegħu, din il-Qorti ser tillimita ruħha għal fatti li jsawwru din l-imputazzjoni b'dan illi fit-30 ta' Lulju 2014 għal ħabta tas-19.15hrs il-parti leża Mario Salerno kien ipparkja l-vettura tiegħu fil-garaxx u kien beda jagħlaq il-bibien tal-garaxx tant li kien għad fadal biss purtella waħda. Mix-xiehda ta' Mario Salerno jirriżulta li fuq il-*bonnet* tal-vettura kellu *pouche* b'xi flus, dokumenti u *mobile*. Salerno jispjega li huwa innota lill-appellant fi stat aġitat u ddeċieda li jagħti ftit ħin u jara kif jista' jgħinu. Qabel ma għamel dan iżda huwa mar sabiex isaqqi xi pjanti li kienu qrib il-garaxx. F'dak il-mument huwa sema ħoss u ra lill-appellant jaħrab. Salerno jgħid li pprova jiġri wara l-appellant iżda dan ħarab u minħabba f'hekk Salerno mar l-Għassa tal-Pulizija bil-vettura. Sakemm Salerno kien l-Għassa tal-Pulizija ġara li l-appellant daħal sabiex jiffirma l-*bail book* u Salerno għarfu minkejja li kien liebes ħwejjeġ differenti. F'dak il-mument ġie ordnat l-arrest tal-appellant.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji u din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tfakkar li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti

> ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati tat-tielet (3) imputazzjoni minħabba li l-mod ta kif inhi postulata l-istess imputazzjoni ma tirriżultax mill-fatti kif prodotti. Jargumenta li l-*pouch* li huwa s-suġġett mertu ta' din l-imputazzjoni ma nsteraqx mill-vettura hekk kif tgħid l-istess imputazzjoni iżda minn fuq il-*bonnet* tal-istess vettura. Jispjega li ġialadarba l-Prosekuzzjoni speċifikat bl-eżatt minn fejn ittieħdu l-affarijiet dan għandu jwassal sabiex hu jiġi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni (u konsegwentement mill-imputazzjoni tar-reċidiva).

Illi din il-Qorti tinnota li mit-traskizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn Mario Salerno quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2014 jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 29):

> "Qorti: Issa dik fhimtek. Il-*pouch* kien fil-karozza?
>
> Xhud: Iva fuq il-*bonnet*, fuq il-*bonnet* tal-karozza jiġifieri dan jekk jiftaħ il-portella."

Illi għalkemm hemm dik li tista' tissejjaħ bħala diskrepanza bejn it-tielet (3) imputazzjoni u l-fatti kif irriżultaw mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li tali diskrepanza kellha twassal lill-Ewwel Qorti sabiex tilliberah mill-imputazzjoni in kwistjoni. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2023

fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Bartolo** (Numru 525/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar l-varjanzi bejn dak li jirriżulta mill-imputazzjonijiet u dak li jirriżulta mill-provi:

> "Il-ġurisprudenza għalhekk taċċetta li f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm differenzi jew xi diskrepanzi bejn dak imputat u l-provi riżultanti – ossija *variances*. Iżda mhux kull tali *variance* twassal sabiex persuna mixlija tiġi meħlusa mill-imputazzjoni minħabba dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatti tal-każ. Bħala eżempju, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** deċiż fit-13 ta' Jannar 2016, ġie mistqarr li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhux l-istess bħal "għall-ħabta ta 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Imbagħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Grixti** deċiż fis-26 ta' Marzu 2018 differenza fil-komparixxi bejn l-isem "Mary" u "Maria" kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u l-aggravju relattiv ġie miċħud.
>
> Fejn jirriżulta li jkun hemm differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dawk riżultanti mill-provi, allura wieħed qajla jista' jitkellem fuq sempliċi *variance*. *Variance* tista' tkun kbira daqskemm żgħira. B'hekk il-Qorti tkun trid tistħarreġ in-natura ta' dik il-*variance* u l-effett li din ikollha fuq l-azzjoni penali li tkun qegħda tiġi trattata quddiemha.
>
> Id-dottrina tal-*variance* mhix intiża li tagħmel tajjeb għal differenzi jew diskrepanzi bejn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti li jkunu ta' natura tali li jolqtu xi dettal essenzjali u importanti għall-integrita' u sostenibilita' tal-akkuża. Jekk id-diskrepanza jew differenza bejn il-partikolaritajiet fiċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti jkunu tali li bihom ikun jista' jinħoloq dubju dettat mir-raġuni dwar ir-reat innifsu, jew iwassal

> għal xi reat jew reati differenti minn dak imputat jew saħansitra għal nuqqas ta' reat – u dan jibqa' ma jiġix indirizzat bid-debiti korrezzjonijiet fl-istadji opportuni – allura l-kwistjoni hemmhekk ma tistax titqies li tkun riżolta b'sempliċi riferenza għad-dottrina tal-*variances* in kwantu l-integrita' tal-azzjoni penali u s-sostenibilita' tal-ġudizzju jkunu ġew milquta. Tant hu hekk li anke l-Imħallef Harding kien jisħaq li f'ċerti każi il-*variance* tkun tista' tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha."

Illi f'dan il-każ is-sustanza tal-imputazzjoni huwa li sar serq. Issa jekk il-*pouche* kienx ġol-vettura jew fuq il-vettura, dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jolqotx xi dettal essenzjali u importanti għall-integrita' u sostenibilita' tal-imputazzjoni stante li s-sustanza tar-reat baqa' mhux mittiefes u l-appellant seta' xorta jiddefendi ruħu. Għalhekk in vista ta' dan kollu, din il-Qorti qed tiċħad l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ma jistabilixxux lilu bħala l-allegat aggressur sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Jisħaq li Ewwel Qorti għamlet numru ta' assunzjonijiet u dikjarazzjonijiet li ma humiex sopportati mill-provi prodotti sabiex waslet għal ħtija tiegħu fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni. Jirreferi għal fatt li meta Salerno mar l-Għassa tal-Pulizija jagħmel ir-rapport huwa jsemmi li l-aggressur kien libes *top* oranġjo u *three-quarters* mentri meta hu (l-appellant) mar l-Għassa ftit wara hu kien liebes *top* abjad u *jeans* blu. Jgħid li fuq dan il-punt ma jaqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti u jirreferi għal bran mis-sentenza appellata fuq dan il-punt. Jisħaq li meta saret il-perkwiżizzjoni fid-dar tiegħu ma nstab xejn minn dak allegatament misruq. Kien biss wara li Salerno semma li seta' jkun li l-appellant kien il-ħalliel li ġie ordnat l-arrest tiegħu. L-appellant jargumenta li meta Salerno qal li "għarfu 'l xulxin", din kienet biss assunzjoni jew deduzzjoni tiegħu. Jisħaq li minn imkien ma jirriżulta li hu irreaġixxa b'xi

mod li ta x'jifhem dak li jgħid Salerno. Jgħid li għall-kuntrarju jirriżulta li Salerno lanqas biss esklama li għaraf lill-allegat malvivent b'mod immedjat. L-appellant jisħaq ukoll li lanqas ma tirriżulta l-assunzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti li hu mar id-dar u biddel stante li meta marru l-Pulizija sabu lil ommu (omm l-appellant) u din infurmathom li huwa kien għadu ma marx.

Illi l-appellant jgħid li hemm dubju ta' dak li straħet fuqu l-Ewwel Qorti għas-sejbien ta' ħtija dwar it-tielet (3) imputazzjoni minħabba li hemm provi ċari li jgħidu bil-kontra. Huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-provi miġjuba ma kienux biżżejjed sabiex fuq bażi ta' probabbli jiġi mxejjen il-każ tal-Prosekuzzjoni. Jispjega li s-sistema tagħna mhux imsejsa fuq il-bilanċ tal-provi u għalhekk jirriżulta li l-livell tal-prova rikjest mil-liġi tagħna ma ntlaħaqx u għaldaqstant din il-Qorti għandha tilliberah mit-tielet (3) imputazzjoni.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn Mario Salerno quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2014 jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 33):

> "Xhud: Jiena mill-ewwel meta dħalt hemmhekk jiena huwa għarafna u jiena għaraftu, ħarisna lejn xulxin jiġifieri pero' għalkemm kien ilu bil-qiegħda hemm hekk u billi jien kont qed nara, insaqqi u nħares lejh jien flejtu sewwa, kont lest li nersaq lejh, kont lest illi nkellmu, kont lest li nagħtih l-għajnuna."

Illi fix-xiehda mogħtija minn WPS 274 Francesca Quattromani (*a fol.* 65 *et seq.*) hija tgħid li Salerno għaraf lill-appellant bħala l-persuna li seraqlu l-*pouch*. Dan ġie riaffermat mix-xhud imsemmija fil-kontro-eżami tagħha meta xehdet li Salerno qalilhom li kien għaraf lill-appellant żgur (*a fol.* 68). Dan huwa korroborat wkoll mix-xiehda mogħtija minn PC 967 Adrian Vella (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn jgħid li Salerno għaraf lill-appellant u li Salerno beda jgħid li kien ċert dwar dan (*a fol.* 73).

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li fuq il-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tikkunsidra li kien hemm identifikazzjoni tal-appellant minn Salerno. Anke fix-xiehda mogħtija mill-iSpettur John Spiteri (*a fol.* 138 *et seq.*) huwa jikkonferma għalkemm mhux b'mod daqshekk kategoriku li Salerno rrikonoxxa lill-appellant (*a fol.* 140).

Illi dwar dik il-parti tat-tieni aggravju fejn ingħad li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fl-assunzjonijiet tagħha u dwar il-parti tal-istess aggravju fejn jingħad li l-ħwejjeġ li kien liebes l-appellant kienu differenti, din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija mill-iSpettur John Spiteri (*a fol.* 138 *et seq.*) huwa jgħid li meta saret it-tfittxija fid-dar tal-appellant kien hemm preżenti omm l-appellant u li l-appellant ma kienx hemm u anqas ir-*res furtiva* u/jew il-ħwejjeġ l-oħra ndikati minn Salerno. Minkejja dan, dan ma jneħħi xejn mill-analiżi mwettqa mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Lanqas huwa korrett l-appellant meta jgħid li l-Ewwel Qorti qalet li huwa mar id-dar sabiex ibiddel. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk biss (*a fol.* 175 *tergo*):

> "Bejn il-ħin ta' meta seħħet is-serqa għal meta l-imputat ġie identifikat minn Salerno fl-Għassa tal-Pulizija għalhekk kien laħaq għadda ħin biżżejjed biex l-imputat imur ibiddel ħwejġu. Wara kollox huwa *trick* magħruf adoperat minn diversi ħallelin li fis wara li jkunu wettqu serqa jbiddlu ħwejjiġhom biex kemm jista' jkun ma jinqabdux."

Illi dwar il-punt imqajjem mill-appellant dwar il-frażi wżata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qieset li fuq bażi ta' probabilita' il-provi mressqa ma setgħux ixejjnu il-każ tal-Prosekuzzjoni mhux korrett l-appellant fl-interpretazzjoni tad-diċitura tas-sentenza appellata. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 175):

> "Tresqet prova kemm minn naħa tal-Prosekuzjoni kif ukoll mid-Difiża li tipprova turi li fil-mument li l-

imputat daħal l-għassa biex jiffirma huwa kien liebes ilbies differenti minn dak li allegatament kien liebes il-malvivent meta kkommetta s-serqa jew li b'xi mod jippruvaw itappnu l-identifikazzjoni pożittiva u korretta tal-imputat da parti ta' Mario Salerno. Biss anke hawn din il-Qorti tqis li din il-prova li tresqet mhix b'saħħitha biżżejjed li biex fuq bażi ta' probabbilta' xxejjen il-każ tal-Prosekuzzjoni."

Illi minn qari ta' dak appena ċitat jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet qed titkellem fuq il-prova intiża sabiex tattakka il-każ tal-Prosekuzzjoni u allura dak li ried jiġi ppruvat mid-difiża kien fuq bażi tal-probabbli. F'dan ir-rigward dak li qalet l-Ewwel Qorti kien li l-provi tad-difiża lanqas kienu jlaħħqu l-livell tal-probabbli u allura ma jattakkawx il-kwadru probatorju mibni mill-Prosekuzzjoni.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, l-argumenti mressqa mill-appellant fl-imsemmi aggravju qed jiġu kollha miċħuda u b'hekk it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li ġialadarba ma setax jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni huwa konsegwentement ma setax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar l-aggravju in eżami għajr li ladarba l-ewwel żewġ aggravji ġew miċħuda, it-tielet aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Clint Dalton u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**